MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1791/1999/1

**Maltacom plc. gia Korporazzjoni TeleMalta**
**Vs**
**Salina Co.Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi skond ir-regolamenti vigenti u l-ftehim ta' kera u servizz tat-telephone bejn il-partijiet, is-socjeta' konvenuta ghandha tghati lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm 1078.76 (elf tminja u sebghin lira Maltija u sitta u sebghin centezmu), dovuti in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 482948, u dan kif jirrizulta minn statement of account hawn anness u markat bhala "Dok A", liema servizz gie nstallat fuq talba tas-socjeta' konvenuta u dan kif jirrizulta mill-kopja tal-applikazzjoni relattiva markata bhala "Dok B".

Peress illi l-ammont hu cert likwidu u dovut u jezistu elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-Artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili, u l-istanti qieghed jannetti ma dan l-att affidavit markat Dok C a tenur tal-istess artikolu tal-Kodici tal-Procedura Civili.

Peress illi minkejja interpellat ihallas l-ammont kollu dovut, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti

Tghid is-socjeta' konvenuta ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex,

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti, b'dispensa ghas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167-170 tall-Kodici tal-Procedura Civili

2. Tikkundannaha thallas lis-Socjeta attrici s-somma ta' Lm1078.76 (elf tmienja u sebghin lira Maltin u sitta u sebghin centezmu) dovuti in konnessjoni mas-servizz tat-telephone bin-numru 482948 u dan kif jirrizulta minn statement of account hawn anness u markat bhala “Dok A”, liema servizz gie nstallat fuq talba ta' l-istess socjeta' konvenuta u dan kif jirrizulta mill-kopja tal-applikazzjoni relattiva markata bhala “Dok B”.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Mejju 1999 u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' konvenuta mid-data tal-istess li minn issa hija ngunta sabiex tixhed u ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta li biha eccepiet:

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma preskritti u dan bil-preskrizzjoni ta' tmientax il xahar u hames snin a tenur tal-artikoli 2148 u 2156 tal-kodici Civili;

2. Illi bla pregudizzju l-ammont mitlub ma huwiex dovut mill-kumpanija konvenuta u dan kif ser jintwera tul is-smiegh tal-kawza;

3. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess kumpanija attrici;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Ikkunsidrat;

Illi s-socjeta' attrici qed tippretendi minnghand is-socjeta' konvenuta s-somma ta' Lm1,078.76, rappresentanti hlas dovut ghal kera u servizz tat-telefon installat fil-fond Casa Venus San Gwann Road Mriehel, skond ftehim bil-miktub, bejn iz-zewg kontendenti, datat 28 ta' Frar 1993 [Dok.B Fol.7] u relattiv ghan-numru 482948 indikat fl-istess ftehim.

Illi l-imsemmi ammont huwa dovut fuq perijodu li jestendi mill-1 ta' Ottubru 1994 sal-10 ta' April 1998 kif spjegat dettaljatament fil-prospett mahrug mis-socjeta' attrici u esebit bhala Dok.A [Fol.6].

Illi in linea preliminari s-socjeta' konvenuta eccepiet il-preskrizzjoni ta' tmientax il xahar u dik ta' hames snin a tenur "tal-artikoli 2148 u 2156 tal-kodici civili".

In tema legali jigi osservat li "hija gurisprudenza kostanti ghal ghexieren ta' snin li f' materja ta' krediti ta' hlas ghas-servizz tat-telefon, inkluza kera ta' l-apparat, il-preskrizzjoni applikabbli hija dik kwinkwennali kontemplata fl-artikolu 2156[f] tal-Kodici Civili u mhux dik ta' tmientax il-xahar kontemplata fl-artikolu 2148[f]" [App.Trib. Malta Com plc vs albert Grech et – 14 ta' Gunju 2001].

Illi in kwantu ghall-preskrizzjoni kwinkwennali bazata fuq id-dispost tal-Artikolu 2156 il-Qorti tosserva li ma giex specifikat is-sub inciz li fuqu hija bazata l-eccezzjoni. "L-artikolu tal-ligi li l-konvenut seta' kellu fil-forma mentis

tieghu fih ben hames incizi distinti, li jipprospettaw l-preskrizzjoni ta’ azzjonijiet ghal kollox differenti wahda mill-ohra. Inoltre skond l-Art.2111 il-Qorti ma tistax ex officio taghti effett ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata; li jfisser li l-qorti ma tistax tissuplixxi ex officio ghan-nuqqas tal-parti u m’ ghandhiex ghalhekk tfittex biex tara hijex applikabbli ghall-kaz xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx indikata b’ mod car u esplicitu minn min jinvoka” [PA.[PS] Donald Manche noe vs Joseph Said - 28 ta’ Gunju 203 – vide kazistika citata][sottolinear ta’ din il-Qorti].

Illi ghalhekk in bazi ghall-konsiderazzjonijiet premessi l-ewwel eccezzjoni hija insostenibbli.

Illi t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet jirrigwardaw il-mertu u huma fis-sens li s-socjeta’ konvenuta ma ghandhiex taghti l-ammont pretiz lis-socjeta’ attrici u li l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici.

In propositu jigi rilevat li s-socjeta’ attrici ressqet provi kemm dokumentarji kif ukoll xhieda viva voce in sostenn tal-pretensjoni taghha. Is-socjeta’ konvenuta minn naha taghha ressqet bhala xhud lid-Direttur taghha, Steve Vassallo, li fix-xhieda tieghu, filwaqt li ammetta li s-socjeta’ kienet tuza servizz tat-telefon bin-numru fuq indikat, qal li huma damu jaghmlu uzu minn dan is-servizz ghal circa tlieta jew erba snin, u sussegwentement il-post gie ritornat lil sid il-kera Joseph Calleja. Qal ukoll li sa fejn jaf hu s-socjeta’ konvenuta kienet halset il-kontijiet kollha tat-telefon u ma ghandhiex taghti flus lill-attrici.

Il-Qorti tosserva f’ dan ir-rigward li, apparti mill-fatt li dan ix-xhud kien impreciz fix-xhieda tieghu, ghal dak li jirrigwarda l-perijodu li damu fil-fond fejn kien installat is-servizz tat-telefon, huwa ma ssostanzjax l-allegazzjoni tieghu li s-socjeta’ konvenuta “kienet hlaset il-kontijiet kollha tat-telefon”[Fol.44]. Jigi osservat li jekk dan hu minnu, allura kien jinkombi fuq il-konvenuti li jipproducu r-ricevuti relattivi fuq l-istregwa tal-massima onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Din il-provi in

sostenn tal-allegazzjoni konvenuta tirrizulta mankanti. Barra minnhekk ma tirrizultax kontestazzjoni serja u plawsibbli tal-prospett, esebit mis-socjeta' attrici, indikanti breakdown dettaljat tal-ammont pretiz.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-tieni talba attrici tirrizulta gustifikata u provata u ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-tieni talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u tmienja u sebghin lira maltin u sitta u sebghin centezmu [Lm1,078.76] bl-imghax legali kif mitlub; bl-ispejjez a kariku tas-socjeta' konvenuta.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba, ghas-smigh tal-kawza bi procedura sommarja, stante li dina kienet giet deciza b' digriet tal-5 ta' Awissu 1999.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------